# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 980

KAZ NRU. 1178

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Stephen Bondin

u

Sinatra Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 9 ta' Novembru, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 30 ta' Settembru, 1997 Ref. MHS/TI/72/97 biex tigi processata skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

L-appellant is-sur Stephen Bondin kien assistit mill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici.

Il-kumpanija ntimata kienet rapprezentata mis-sur Noel Magri assistit mill-avukat Victor Ragonesi.

**Statements of Case**

L-appellant jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu hija ngusta u li mhux minnu li l-post tieghu gie abolit ghax gew impjegati haddiema fuq bazi *part-time*. Qieghed isostni wkoll li kien l-aktar wiehed anzjan fl-impjieg u li hu kapaci jahdem kull tip ta' xoghol.

Min naha taghha l-kumpanija tiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Stephen Bondin kien dovut ghaliex ix-xoghol li fih kien jaqdi dmiru naqas b'mod sostanzjali tant li s-servizz konness ma' dan ix-xoghol m'ghadux isir mill-kumpanija izda qed tixtri l-istess servizz minn terzi, fi kwantitajiet zghar biex tinqeda.

Il-kumpanija tinnega li nghata xoghol lil haddiehor bhal dak li kien jaghmel Stephen Bondin.

Li Stephen Bondin accetta li l-impjieg tieghu jigi terminat tant li accetta li jigi mhallas ta' dak kollu lilu dovut inkluz il-leave mhux utilizzat u l-bonus. L-istess Bondin talab lill-kumpanija biex ittieh dokument ta' "*reference*" biex jutilizzah ghax kellu zewg opportunitajiet li minnhom seta' jaghzel impjieg.

**Trattazzjoni**

Il-kumpanija pprezentat numru ta' dokumenti li jinkludu dikjarazzjoni ta' tmiem ta' l-impjieg li turi r-raguni hi wahda ta' *redundancy*, certifikat tax-xoghol, zewg listi ta' mpjegati u kopja ta' dettalji ta' kif sar l-ahhar pagament.

Il-kumpanija zammet it-tezi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet immotivata minn nuqqas ta' xoghol u x-xoghol ta' l-appellant kien dak ta' *patissier* li kien jaghmel numru ta' tipi ta' *pies* u pastizzi u Siciliana. Wara li spicca mill-impjieg il-kumpanija bdiet tordna l-*pies* minn barra.

Ix-xhieda Joseph Vidal, Noel Scerri u Noel Magri kollha stqarrew li wara li spicca s-sur Bondin, il-kumpanija ma mpjegatx il-haddiehor minfloku.

Min naha tal-appellant it-tezi li gabu kienet li l-kumpanija riedet twarrab lill-appellant minhabba li kellu paga gholja, li l-kumpanija mpjegat nies godda fuq bazi ta' *part-time* u li l-kumpanija xorta baqghet taghmel il-pastizzi fuq il-post.

Punt iehor li qajjem l-appellant kien li hu kien kapaci jaghmel xoghol iehor u allura l-kumpanija setghet taghtu xoghol alternattiv.

**Osservazzjonijiet**

It-Tribunal jinnota li numru ta' xhieda kkonfermaw li meta ntemm l-impjieg ta' Stephen Bondin il-kumpanija ma' mpjegat lil hadd biex jiehu il-*job* tieghu.

Mix-xhieda jirrizulta li huwa minnu li x-xoghol naqas anke jekk mhux kollha qablu bil-kemm.

Jidher li x-xhieda ta' Joe Spiteri u dik ta' Stephen Bondin ghar-rigward il-vera raguni li kien ser jitkecca ma jikkollaborawx.

Waqt it-trattazzjoni fis-seduta tas-17 ta' Frar 1998, Dr. V. Ragonesi oggezzjona ghall-kontinwazzjoni tal-kaz, peress li l-hames kundizzjonijiet inkorporati fil-komunikazzjoni tat-Tribunal Industrijali tat-8 t'Ottubru 1997, mibghuta lil Stephen Bondin, ma gewx segwiti u ottemperati. It-Tribunal min naha tieghu ha decizjoni biex il-kaz ikompli u jigi trattat "*on its own merits*".

**Konkluzjoni**

Jirrizulta li huwa fatt li x-xoghol naqas, li s-sur Bondin tterminawlu x-xoghol ghal din ir-raguni. Li ma gie mpjegat hadd minfloku u dan il-punt mhux ikkontestat. Li l-appellant iffirma l-formola ta' l-E.T.C. li turi li r-raguni hija wahda ta' *redundancy*.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa sodisfatt li t-tkeccija kienet wahda fuq bazi ta' *redundancy* u allura t-tkeccija kienet wahda gusta.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali numru 48 ta l-1986, it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira Maltin) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

-------------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**